Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SITT KUNSILL

26 ta' Jannar 2011

**It-Tmienja u Erbgħin seduta tas-Sitt Kunsill Lokali Mellieħa ser issir nhar t-Tlieta, l-1 ta' Frar 2011 fis-7.00 pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti.
2. Materji mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2011
6. Mozzjoni dwar l-Estimi Finanzjarji 2011 u Pjan Ta' Ħidma 2011-2013
7. Mozzjoni fuq l-għoti ta' kuntratt dwar ir-*Resurfacing* ta' parti minn Triq l-Armier
8. Mozzjoni fuq l-għoti ta' kuntratt li jitratta it-tfassil ta' Strateġija dwar Żvilupp Sostenibbli għal-Lokalita` tal-Mellieħa
9. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jinvolvi Servizz ta' Contract Management b'rabta mal-Ħolqien ta' Heritage Trail f'Selmun u l-Imġiebaħ
10. Rapport mill-Fundazzjoni ARKEO dwar il-Heritage Trail f'Selmun u l-Imġiebaħ
11. Introduzzjoni ta' arranġamenti ġodda tat-traffiku fit-toroq ewlenin
12. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv

Materji Oħra

C. Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## MOZZJONIJIET

### 6. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

"Billi skond il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skond it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandu jiġi ppreżentat il-*Budget* u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill sa l-aħħar Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u

U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nru. 46 u 47 tas-16 ta' Diċembru 2010 u t-12 ta' Jannar 2011, kif ukoll saret laqgħa għar-residenti tal-lokalita`, skond ma jitlob l-imsemmi Att;

Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2011 u l-*Business Plan* għas-snin 2011/2013, skond l-abbozz finali mressaq.". (F/1/21)

Robert Cutajar - Sindku
Proponent

Clayton Bartolo - Kunsillier
Sekondant

### 7. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku E. Bartolo li tgħid:

"Billi permezz ta' skema mħaddma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Kunsill talab biex jissieħeb fi *private public partnership* bil-għan li jsir xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq ġewwa l-Aħrax, fosthom Triq l-Armier fil-parti bejn Triq il-Marfa u Triq Ramlet il-Qortin;

Billi l-istess skema torbot lill-istess Dipartiment sabiex jagħmel tajjeb għal 30% tan-nefqa stmata, filwaqt li l-kuntrattur magħżul jitħallas fuq medda ta' disa' snin (2019) skond skeda ta' pagamenti nkluża fil-kuntratt relattiv;

Billi saret sejħa għall-offerti u evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* fejn ġie rakkomandat l-offerent li għandu jingħata l-kuntratt, filwaqt li ġew ivvutati l-fondi meħtieġa fl-Estimi għas-sena finanzjarja 2011 u fil-Pjan ta' Ħidma 2011-2013;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt dwar ix-xogħol tar-*resurfacing* għandu jingħata lill-offerent Central Asphalt Ltd skond il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (T/4/17/Vol I)

Emvin Bartolo – Viċi Sindku
Proponent

John Buttigieg - Kunsillier
Sekondant

### 8. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Buttigieg li tgħid:

"Billi permezz tal-Iskema dwar Finanzjament għal-Lokalitajiet Sostenibbli, imħaddma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, ġiet allokata s-somma ta' €20,000 bil-għan li titfassal Strateġija dwar Żvilupp Sostenibbli fil-Mellieħa;

Billi saret sejħa għall-offerti skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex tinstab entita` li hija kwalifikati tagħmel dan l-istudju, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* tal-offerti li sussegwentement saru;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għas-sottomissjoni tal-istudju msemmi għandu jigi ffirmat mad-ditta E.R.C.S. Ltd, skond il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (C/3/2/Vol II)

**John Buttigieg – Kunsillier**
**Proponent**

**Hilary Fenech - Kunsillier**
**Sekondant**

9. **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku E. Bartolo illi tgħid:**

"Billi permezz tal-Programm dwar l-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2007-2013, iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ġiet allokata s-somma ta' €353,994 taħt il-Miżura 323, bil-għan li jinħoloq *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;

Billi skond il-ftehim iffirmat mal-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, hemm provdut li għandu jkun hemm servizz ta' *Project Manager*;

Billi saret sejħa għall-offerti skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jingħata s-servizz imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* tal-offerti li sussegwentement saru; u

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għas-servizz ta' *Project Management* għandu jigi ffirmat mal-Perit Joseph Attard skond il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/3/Vol II)

| | |
|---|---|
| Emvin Bartolo – Viċi Sindku | Hilary Fenech - Kunsillier |
| Proponent | Sekondant |